**ĦAL TARXIEN**

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2019

**SEDUTA NUMRU 69/07**
IL-ĦAMIS 15 TA' ĠUNJU 2017 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali f'73 Triq Santa Marija, Tarxien.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *Skużat* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | *Skużat* |
| *TRISTAN MERCIECA* | *AMBAXXATUR VOT16* | *Skużat* |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

---

**AĠENDA**

69.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
69.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
69.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
69.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
69.5 Rapporti;
69.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti 55/07;
69.7 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;
69.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Sotto Kumitati;
69.9 Mozzjonijiet
69.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.
.

**TALBA**
**Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

**69.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

**i.** Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li kienu daħlu żewġ ittri ta' apoloġiji mingħand il-Kunsillier Ishmael Dalli u oħra mingħand il-Kunsillier Luke Genuis. Ittri ta' Apoloġija

**ii.** Il-Kunsill ħa nota ta' dawn l-ittri u tal-kontenut tagħhom u approva li ż-żewġ kunsillieri jkunu meqjusa bħala skużati minħabba raġunijiet mediċi.

**69.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** Iffrmar tal-Minuti

**i.** Il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 68/2017 tat-30 ta' Mejju 2017 ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

**69.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**i** Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li fil-każ tal-Kuntrattur VELLA GROUP LTD, fuq parir tal-avukat tagħna fejn dan kien issuġġerilna li alissa ma nħallsux sakemm jerġa jitkellem hu mal-avukat tal-Kuntrattur. Pendenzi mal-Kuntrattur Vella Group Ltd

**i.i** Il-Kunsill qabel unanimament li alissa ma jħallasx u nimxu mal-parir tal-avukat.

**ii.** Rigward il-każ ta' vandaliżmu li kien sar fuq il-gazebo fi Ġnien Veliko Turnovo, is-Sindku ssuġġerixxa li ladarba l-persuni kollha nvoluti ġew mressqa l-Qorti, għandna nibgħatu lill-iSpettur biex naraw in vista tal-fatt li issa l-kawża kienet inqatgħet kif konna ser nagħmlu biex nirkupraw il-flus. Vandaliżmu – Ġnien Veliko Turnovo

**ii.i** Il-Kunsill qabel unanimament.

**iii.** Rigward it-turf tal-ground 5 aside is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara l-laqgħa li kienet saret ma' Cassar Shiprepair konna għadna qed nistennew risposta mingħand l-istess Cassar Ship Repair wara li s-Sur Cassar kien baqa' magħna li kellu jkellem lill-kumitat biex jara minn kien qed jagħmel użu mill-ground bħala Tarxien Rainbows. Turf tal-ground 5 aside

**iii.i** Sadanittant is-Sindku qal ukoll li l-avukat tagħna qed iżommna aġġornati bl-eżitu tas-seduti fejn kien qed ikompli jinstema l-Appell.

**iv.** Is-Sindku informa lill-Kunsill li fir-rigward tat-tender għat-toroq il-Bord li kien kompost mis-Sindku Paul Farrugia u mill-Kunsillieri Frans Agius u Ishmael Dalli, flimkien mas-Seg. Eżek. kien iltaqa' nhar l-14 ta' Ġunju 2017 u l-etenders infetħu . Tender toroq

**iv.i** Is-Sindku żied jinforma lill-Kunsill li kienu ntefgħu żewġ offerti li kienu :-

- DIMBROS għall-valur ta' €115,861
- ELLS Urban Services għall-valur ta' €127,861

**iv.ii** Il-Bord ressaq għall-evalwazzjoni ż-żewġ etenders filwaqt li l-Kunsill iddiskuta d-dokumenti hekk kif ippreżentati u unanimament qabel li l-offerta tal-kumpanija DIMBROS kienet l-iżjed waħda vantaġġjuża.

**iv.iii** Hawnhekk il-Kunsillier Lawrence Bonavia ssuġġerixxa li l-Kunsill jiddiskuti mal-Gvern Ċentrali sabiex jara x'għandu f'moħħu fir-rigward tal-asfaltar tat-toroq u dan skond il-proposta fil-manifest elettorali.

**iv.iv** Is-Sindku wieġbu li l-proposta tal-Gvern kienet imqassma fuq seba' snin għall-lokalitajiet kollha filwaqt li minħabba l-istat li kienu jinsabu fihom ċerta toroq fir-raħal, il-Kunsill ried jara li jibda x-xogħol kemm jista kun malajr.

**iv.v** B'żieda ma' dan is-Sindku Paul Farrugia qal li l-Gvern Ċentrali kien nieda inizjattiva finanzjarja fejn kull Reġjun kien intitolat għas-somma ta' €100,000 biex tinqasam reġjonali. Inizjattiva finanzjarja

**iv.v.i** Huwa żied jispjega li din l-inizjattiva kienet diġa ġiet mressqa lill-membri tar-Reġjun u kull lokalita' membru kellha sa laqgħa oħra tressaq il-proposti tagħha. Huwa qal li hu wkoll kien talab lill-Perit tal-Kunsill sabiex jippreparalu BOQ sabiex ikun jista' jressaqha bħala l-proposta tal-Kunsill Lokali Ħal Tarxien.

**v.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-inċident fuq il-monument tal-vittmi tal-gwerra erġajna tkellimna mal-avukat u ser jara x'jista jsir. Il-Kunsillier Frans Agius qal li proprju dak kien l-argument biex f'każ ta' mistoqsija aħna nkunu koperti bil-parir tal-avukat. *Inċident monument – Avukat UNTOURS*

**vi.** Rigward il-*bins* mitluba mill-Iskola St Thomas Moore fl-inħawi barra l-entratura tal-Iskola kif ukoll *bins* tar-riċiklaġġ ġewwa l-Iskola li kienu ġew approvati u li kienu ser ikunu sponsorjati mill-istess Green MT, is-Sindku kkonferma li kienu għadhom ma sarux. *Laqgħa GREEN MT – Bins*

**vi.i** Is-Sindku spjega wkoll li b'żieda ma' dak, parti mill-ftehim kien ukoll, li jagħti bins għall-ħwienet u dawn ukoll jidher li ma kienux ingħataw. Għaldaqstant ġie ssuġġeriet li issa hekk kif fi ftit jiem oħra kienet ser tkun iċċelebrata l-festa parrokkjali, kellha tintbgħat lista aġġornata tal-bars, ħwienet u każini sabiex wieħed jara tittieħedx azzjoni.

**vii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għalkemm għal darb'oħra konna ktibna lit-TM sabiex ninfurmawhom li kien ġie nnotat li parti mill-konkos li sar ġdid fi Triq B'Bugia diġa kien qed jisfronda, s'issa t-TM ma kenux ħadu l-passi li jidhrilhom xierqa, it-TM kienu għadhom ma weġbuniex. *Triq B'Bugia*

**vii.i** Saret diskussjoni u ġie deċiż li tibqa tintbgħat reminder lit-TM u nibqgħu ninsistu magħhom li tittieħed azzjoni.

**viii.** Rigward ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Seg. Eżek. reġgħet infurmat lill-Kunsill li għal darb'oħra d-DLG kien reġa bgħat reminder dwar dan. *ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Seg. Eżek.*

**viii.i** Il-Kunsill għal darb'oħra qabel li jibqgħu mad-deċiżjoni li jistennew direzzjoni mingħand l-Assoċ. Kunsilli Lokali.

**ix.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li tkellem ma' tal-WEEE dwar is-suġġeriment tal-Kunsillier Lawrence Bonavia li kien għamel fl-aħħar laqgħa fejn hu kellu jitkellem mas-sidien tal-ħwienet u jistaqsihom jekk jaċċettawx li jitpoġġew bins fejn il-pubbliku jkun jista' jiddisponi minn bozzoz ħżiena. Is-Sindku qal li dawn wiegħduh li kellhom jiddiskutuwha nternament. *Kunsillier Bonavia – suġġeriment bins għall-bozzoz*

**x.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hekk kif kien diġa rraporta dwar is-sinjali tal-art fit-toroq B'bugia u Palma, it-TM kienu qalulna li huma kienu ser jagħmlu wiċċ tat-triq filwaqt li l-Kunsill jagħmel sinjali. *Sinjali tal-Art*

**x.i** Is-Sindku spjega li hekk kif kien deċiż fl-aħħar laqgħa, il-Kunsill kien kiteb lid-DLG sabiex ikunu nfurmati li kellna mmorru għal direct order mingħand l-KOPTASIN peress li l-Kunsill ma kienx kellu kuntrattur tiegħu.

**x.ii** Is-Sindku qal li d-DLG kienu weġbuna lura li l-Kunsill kellu jimxi mal-proċeduri finanzjarji. Is-Sindku żied jgħid li konna ser niktbu lura lid-DLG sabiex jerġa jikkonsidra r-risposta li kien tana u nerġaw nispjegawlu li dan kien każ straordinarju.

**xi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fuq il-proposta tal-Kunsillier Lawrence Bonavia li kien issuġġerixxa li fuq it-tabelli fejn hemm l-irħula membri jiktbu wkoll Reġjun Xlokk, kienet ser tiġi diskussa fl-AKL. *Tabelli – Reġjun Xlokk*

**xi.i** Il-Kunsillier Lawrence Bonavia ssuġġerixxa sabiex toħroġ tender reġjonali għal dawn it-tip ta' tabelli.

**xii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Proġett Citimobilnet kien miexi u l-meeting li jmiss kien fi Braga fil-Portugall. *Citimobilnet*

**xiii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għal darb'oħra reġa fakkar lit-TM dwar il-bus shelter ta' Triq Palma. Żied jgħid is-Sindku li kien mar ħa ritratti, ta spjega lill-Awtoritajiet ta' TM u bgħat kollox relatat. *Bus Shelter Triq Palma*

**xiv.** Fuq is-suġġeriment li kien għamel il-Kunsillier Ishmael Dalli fil-laqgħat preċedenti sabiex terġa tintbgħat *reminder* lit-TM dwar il-garanziji tat-toroq Paola u Santa Marija, is-Sindku qal li l-*reminder* kien reġa ntbgħat u li konna ser nibqgħu nibgħatu reminder sakemm fl-aħħar ikollna xi tweġiba. — Garanziji – Triq Paola u Triq Santa Marija

**xv.** Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li l-kuntratt tal-lease tal-Photocopier kien skada u għaldaqstant il-kuntrattur kien qed jirrifjuta li jsewwi. Żiedet tgħid is-Seg. Eżek. li għaldaqstant kellna nitolbu kwotazzjonijiet ġodda. Il-Kunsill qabel li jiġu mitluba kwotazzjonijiet ġodda. — Photocopier

**xvi.** Rigward it-talba minn resident stess sabiex it-TM jirrikunsidraw li double yellow lines fi Triq Pellikani Nru. 80, St Michael, jiżdiedu u minflokk metru fuq kull naħa tal-garaxx jitwalu u jiġu 2.5 u nofs fuq kull naħa, u li kienet intlaqgħet mit-TM, is-Sindku qal li kien irid jiċċekkja sewwa mat-TM dwar dan il-każ. — Talbiet mit-TM

**xvii.** Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li l-festa ta' Marija Annunzjata kienet ser issir nhar il-Ħamis 29 ta' Ġunju 2017. Huwa żied jgħid li kien ltaqa kemm mal-Kappillan u mal-Kumitat tal-Festa kif ukoll mal-Kuntrattur tas-sit fejn kien jinħażen in-nar qabel ma jinħaraq għal-festa. Qal is-Sindku li ġie fi ftehim ma' sid l-art li peress li l-art in kwistjoni kienet tħaffret u tħammlet u għaldaqstant ma setatx tibqa tintuża għal dan il-għan, is-sid aċċetta li jnaddaf l-art proprjeta tal-Knisja sabiex il-Kumitat tal-Festa jkun jista jaħżen in-nar minn din l-għalqa tal-knisja. — Dettalji Festa Marija Annunzjata

**xvii.i** Is-Sindku semma' wkoll id-dettalji tal-festa minn dakinhar tal-ħruġ min-niċċa sa' nhar il-Festa.

**xviii** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-proposta tiegħu fil-laqgħa preċedenti li jinbena Reachout Centre mir-Reġjun Xlokk fuq art devoluta lill-Kunsill Lokali Ħal Tarxien fi Triq Marija Addolorata biswiet Triq Ħal Luqa, qal li l-Gvern Ċentrali kien diġa alloka €200,000. Sadanittant żied jispjega s-Sindku li kien għadu qed jiċċekja ħabba fondi Norveġiżi. — Reachout Centre

**xix.** Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li l-ħaddiema li l-Kunsill kellu assenjati miegħu, ma kenux dejjem qed iżommu mal-ħinijiet stipulati u għaldaqstant hu kien qed idur magħhom biex jara li x-xogħol isir sewwa. — Ħaddiema assenjati mal-Kunsill

**xx.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xogħol fuq il-gazebo l-kbira fi Ġnien Veliko Turnovo kien tlesta. Żied jispjega li anke l-alarm kien qed jiġi nstallat. — Alarm Ġnien Veliko Turnovo

**xxi.** Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li kien daħal ilment mingħand resident biex titneħħa t-tabella sabiex wieħed inaddaf jekk il-kelb tiegħu jħammeġ fi Triq Napuljun Caruana Dingli ma' Triq Dun Gwann Barbara. — Tabella sabiex wieħed inaddaf jekk il-kelb tiegħu iħammeġ.

**xxi.i** Il-Kunsill iddiskuta dan l-ilment u unanimament ma qabilx li din it-tabella kellha titneħħa.

**xxii.** Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li kienet qed tressaq għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill l-approvazzjoni li t-tender għas-Servizz ta' Accountant jiġi mġedded għal sena oħra u dan minkejja li diġa kienu għalqu l-erbgħa snin tal-kuntratt. Żiedet tispjega li dan kienet qed titolbu in vista tal-fatt li l-Kunsill irid jimxi fuq Direttiva 1/2017 mibgħuta mid-DLG u jirranġa xi affarijiet fl-accounts tiegħu hekk kif mitlub. Qalet ukoll li għalkemm dan ix-xogħol jista wkoll jinkludi ħlas addizzjonali peress li huwa xi ħaġa extra fuq il-kuntratt, hija xorta waħda tissuġġerixxi li jsir minn l-istess kuntrattur u dan għaliex huma kienu diġa rranġaw l-accounts tal-Kunsill kif suppost anke fir-rigward tan-nuqqasijiet li kienu jeżistu mal-EX Kuntrattur tal-PPP u Resurfacing tat-toroq. — Tender għas-Servizz tal-Accountant

**xxii.i** Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u unanimament qablu li l-Kuntratt jiġġedded għal-sena oħra sakemm isir ix-xogħol meħtieġ.

## 69.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

**i.** Il-Kunsilliera Doris Vella talbet sabiex tiżdied tarġa oħra mat-taraġ ta' fejn il-latrina. — Tarġa fejn il-latrina pubblika

**i.i** Is-Sindku ħa nota u ser ikellem lill-Kuntrattur li kien għamel ix-xogħol biex iżid din it-tarġa.

**ii.** Il-Kunsillier Lawrence Bonavia staqsa jekk setgħatx tintbgħat email/ittra mill-Kunsill lil kull min ġie elett fuq id-distrett ta' Ħal Tarxien kif ukoll tal-kariga li ħadu. Email/ittra lil kull min ġie elett fuq id-distrett ta' Ħal Tarxien kif ukoll tal-kariga li ħadu

**ii.i** Il-Kunsill unanimament qabel mas-suġġeriment tal-Kunsillier Bonavia.

## 69.5 Rapporti

**i.** Is-Seg. Eżek. ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-Rapport tal-Ewwel Kwart tas-sena 2017. Dan ġie diskuss mill-Kunsill u unanimament ġie approvat. Dan ir-rapport ġie iffirmat mis-Sindku u mis-Seg. Eżek.

## 69.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

**i** Ġiet mressqa l-iSkeda ta' Pagamenti 55/07. Din l-iSkeda ġiet approvata b'mod unanimu u ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Seg. Eżek. u minn żewġ Kunsilliera.

## 69.7 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

## 69.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

*Rapport mill-Kunsillier Frans Agius*

**i.** Il-Kunsillier Frans Agius informa lill-Kunsill li flimkien miegħu u mas-Sindku kif ukoll mas-Seg. Eżek. kienu ltaqgħu mas-Sur Ray Abela tat-TCTC fejn iddiskutew l-applikazzjonijiet għall-kors tar-ROBOTIKA mat-TCTC. Żied jispjega li s-Sur Abela kien offra li peress li bħala TCTC ġieli kienu qed jużaw iċ-ċentru tagħna kien lest li jekk ikun hemm familji fejn it-tieni wield xtaq jattendi wkoll għal dan il-kors huwa kien lest li joffrilhom li għat-tieni wield jitħallas nofs il-prezz. TCTC

**i.i** B'żieda ma dan is-Sindku spjega li fuq l-għajnuna mingħand il-LEAP hekk kif kien qed jiġi ssuġġerit, dan ma setax isir peress li wara elezzjoni kien hemm xi tibdil tal-istaff u għaldaqstant iż-żmien ma kienx jippermetti li wieħed jistenna iktar.

**i.ii** Saret diskussjoni dwar dan u l-Kunsill unanimament qabel li l-Kunsill joffri dan il-kors issussidjat lir-residenti Tarxiniżi filwaqt li huwa jħallas is-somma ta' €1,150.00.

*Rapport mill-Kunsilliera Doris Vella*

**ii.** Il-Kunsilliera Doris Vella nfurmat lill-Kunsill li għal ħarġa li jmiss kienet ser tkun għal GĦAWDEX nhar is-6 ta' Lulju 2017.

**ii.i** Il-Kunsill unanimament qabel li tiġi organizzata din il-ħarġa għal Għawdex.

## 69.9 Mozzjonijiet

**i.** Ma kienx hemm Mozzjonijiet imressqa sa mhux iktar tard minn 6 ijiem mid-data ta' din il-laqgħa.

**69.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**i.** Il-laqgħa ntemmet fis-7:15pm.

**ii.** Laqgħa oħra kienet ser tinżamm nhar l-Erbgħa 26 ta' Lulju 2017 fil-5.30pm.

Iffirmat

___________________________
**Kav. Paul Farrugia KLJ CMLJ**
**Sindku**

Iffirmat

___________________________
**Sna. Antonella Galea**
**Seg. Eżek**